




Statistika ġudizzjarja 2021: minkejja l-pandemija, l-istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni setgħet tiggarantixxi bis-sħiħ il-kontinwità tal-attività tagħha

Iċ-ċifri juru livell notevoli ta' prestazzjoni mill-Istituzzjoni, u dan minkejja xejra ġdida ta' żieda fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

Minkejja l-persistenza tal-kriżi sanitarja marbuta mal-Covid-19, l-Istituzzjoni setgħet iżżomm l-attività ġudizzjarja tagħha f'livell għoli ħafna fl-2021.

Fuq livell statistiku is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata minn xejra ġdida ta' żieda fin-numru ta' kawżi mressqa quddiem iż-żewġ qorti, wara t-tnaqqis temporanju fl-2020. Tista' tiġi osservata evoluzzjoni komparabbli fir-rigward tan-numru ta' kawżi magħluqa. Din l-evoluzzjoni parallela tan-numru globali ta' kawżi mressqa u magħluqa fl-2021 tispjega għalfejn in-numru ta' kawżi pendenti baqa' stabbli.

Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja tal-Istituzzjoni 2017-2021: kawżi mressqa, magħluqa u pendenti




	2017	2018	2019	2020	2021
Kawżi mressqa	1 656	1 683	1 905	1 584	1 720
Kawżi magħluqa	1 594	1 769	1 739	1 540	1 723
Kawżi pendenti	2 420	2 334	2 500	2 544	2 541

II-Qorti tal-Ġustizzja

Iż-żieda fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja hija essenzjalment dovuta għal żieda sinjifikattiva fin-numru ta' appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali ¹. Din ix-xejra 'l fuq hija r-riżultat taż-żieda fl-attività tal-Qorti Ġenerali.

Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kawżi mressqa, magħluqa u pendenti (2017-2021)




	2017	2018	2019	2020	2021
Kawżi mressqa	739	849	966	737	838
Kawżi magħluqa	699	760	865	792	772
Kawżi pendenti	912	1 001	1 102	1 047	1 113

Għal dak li jirrigwarda ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari, in-numru ta' kawżi mressqa fl-2021 żdied bi ftit (567 fl-2021 meta mqabbel ma' 556 fl-2020). Dawn id-domandi, li jiġu minn qrati nazzjonali tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni, jixhdu l-kooperazzjoni eċċellenti bejn l-imsemmija qrati u l-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din tal-aħħar tkun tista' tiżgura, b'mod partikolari, l-interpretazzjoni uniformi u l-applikazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni fl-Unjoni kollha. Fl-2021, l-oġġetiv numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari ntbagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qrati Ġermaniżi (106), Bulgari (58), Taljani (46), Rumani (38), Awstrijaki (37), Belġjani (36), Spanjoli (35) u Pollakki (34). B'mod

¹ Il-medja annwali tal-appelli (2017-2021) jilħaq 184.2: 210 (2021); 125 (2020); 255 (2019); 194 (2018) u 137 (2017).

partikolari, iż-żieda fir-rinviji għal deċiżjoni preliminari mill-qrati u t-tribunali tal-Bulgarija (58 fl-2021 meta mqabbla ma' 28 fl-2020) u tar-Rumanija (38 fl-2021 meta mqabbla ma' 20 fl-2020) kienet partikolarment sinjifikattiva.

Kawżi għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-qrati tal-Istati Membri (2021)



BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	Total
36	58	8	6	106	2	11	2	35	23	5	46		12	15	5	17		27	37	34	20	38	7	2	10	5	567

Fir-rigward tat-temi indirizzati fil-ġurisprudenza, id-deċiżjonijiet mogħtija matul is-sena li għaddiet, b'mod partikolari, fi kwistjonijiet tal-Istat tad-dritt, tal-ambjent, tal-protezzjoni tad-data personali, tal-protezzjoni soċjali, tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa jew tal-protezzjoni tal-konsumatur juru sa liema punt l-attivitajiet tal-Istituzzjoni huma fil-qalba tar-realtajiet u tal-isfidi kontemporanji u għandhom impatt konkret fuq il-ħajja taċ-ċittadini u tal-impreżi fl-Unjoni Ewropea.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Koen Lenaerts, jirimarka li, **“fi żmien meta aħna nosservaw xejriet mifruxa ta' kontestazzjoni tal-awtorità tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, u anki, f'ċerti Stati Membri, mistoqsijiet iktar fundamentali dwar il-proġett ta' integrazzjoni Ewropea kif ukoll dwar il-valuri u l-prinċipji fundaturi ta' dan il-proġett, il-leġittimità tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Istituzzjoni tinsab fuq kollox f'viġilanza kostanti lejn il-kwalità u s-saħħa ta' konvinzjoni ta' dawn”**.


Il-Qorti Ġenerali

In-numru ta' kawżi magħluqa huwa partikolarment sinjifikattiv għal dak li jirrigwarda l-Qorti Ġenerali, li għalhekk qed tibbenefika bis-sħiħ mir-riforma tal-arkitettura istituzzjonali tal-Unjoni, kompluta minn Settembru 2019.

Iż-żieda fin-numru ta' kawżi magħluqa setgħet iġġenerat tnaqqis fl-istokk ta' kawżi pendenti, u dan minkejja ż-żieda fil-kawżi mressqa.

Għalhekk, għal Marc van der Woude, President tal-Qorti Ġenerali, **“b'951 kawża magħluqa fl-2021 u tnaqqis sinjifikattiv fl-istokk tagħha ta' kawżi pendenti, il-Qorti Ġenerali kellha riżultati eċċellenti minkejja l-kuntest tal-pandemija”**.

**Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali —
Kawżi mressqa, magħluqa u pendent (2017-2021)**



	2017	2018	2019	2020	2021
Kawżi mressqa	917	834	939	847	882
Kawżi magħluqa	895	1 009	874	748	951
Kawżi pendent	1 508	1 333	1 398	1 497	1 428

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355